Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 212/2012

**Josef Schultheis (appellant)**

**vs**

**Awtorita` Ghat-Trasport f'Malta u l-Ministru Ghall-Finanzi (appellati)**

12 ta' Dicembru 2016

**Il-Qorti,**

Rat **ir-Rikors ta' Josef Schultheis tad-19 ta' Lulju 2012** prezentat quddiem Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva permezz ta' liema huwa talab biex id-decizjoni tat-*Transfer of Residence Exemption Board* fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment tal-20 ta' Gunju 2012 tigi revokata u minflok, l-applikazzjoni tal-appellant sabiex jigi ezentat mill-hlas tat- taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni B-MM-6501 ai termini tal-Art 19 tal-Kap 368, tigi milqugha b'mod definittiv. Huwa kien importa din il-vettura f'Malta wara t-trasferiment tar-residenza tieghu mill-Germanja ghal Malta. Ir-rikorrent hassu aggravat b'din id-decizjoni ghax (i) fiha ma nghatat ebda motivazzjoni ghac-cahda tat-talba b'dana li l-istess decizjoni kellha titqies nulla u bla effett fil-ligi ghax ma kinitx konformi mal-principji ta' gustizzja naturali u mar-rispett ghad-dritt ta' smiegh xieraq tieghu kif protett bil-Kostituzzjoni u bil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta; u (ii) bla pregudizzju, fil-fehma tieghu it-talba ghall-ezenzjoni kellha tintlaqa' ghaliex huwa kien jissodisfa l-kriterji rikjesti mill-artikolu 19 tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta u mir-regolament 4(3) tal-L.S. 368.01.

Rat **ir-Risposta tal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment pprezentata fl-10 ta' Awwissu 2012**[1] permezz ta' liema gie eccepit illi (i) t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda kontra tieghu stante illi ma jikkwalifikax ghal ezenzjoni minn hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni ai termini tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta; u (ii) mid-dokumenti esebiti mal-applikazzjoni rrizulta illi l-vettura hija registrata fuq is-socjeta' Modalis Management AC-CIE u mhux fuq l-appellant personalment.

[1] Fol 8.

Rat **ir-Risposta ta' l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta ipprezentata fl-20 ta' Awwissu 2012**[2] li permezz taghha tressqu s-segwenti eccezzjonijiet: (i) in linea preliminari, l-Awtorita` m'hijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kwistjoni u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi kwalunkwe decizjoni mehuda in konnessjoni mal-applikazzjoni tar-rikorrenti in kwantu jirrigwarda l-helsien tal-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni tittiehed unikament mill-Ministeru responsabbli mill-Finanzi u dana skont il-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01. L-Awtorita` lanqas m'ghandha ebda sehem fil-konsiderazzjonijiet u fid-decizjonijiet ta' tali talbiet ghall-ezenzjoni; u (ii) sussidjarjament u bla pregudizzju, it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u timmerita konferma.

Rat **is-sentenza tat-Tribunal tas-6 t'Ottubru 2015** li ddecidiet hekk:

*"Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija filwaqt li qieghed jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, qieghed jilqa' wkoll l-eccezzjonijiet tal-Ministru intimat u jichad l-appell tar-rikorrent mid-decizjoni tal-20 ta' Gunju 2012.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent."*

Dan wara li l-istess Tribunal ghamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

(i) Dwar l-ilment tar-rikorrent li d-decizjoni appellata hija nulla u bla effett fil-ligi ghax allegatament hija nieqsa minn kull motivazzjoni it-Tribunal innota li bid-decizjoni tal-20 ta' Gunju 2012 ir-rikorrent gie mgharraf illi l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni mill-hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni ma kinitx qed tigi milqugha abbazi tar-Regolament 4 (3) (a) tal-Avviz Legali 6 tal-2012 u li fih zewg rekwiziti li trid tissodisfa persuna li tkun qed tapplika ghall-ezenzjoni. Dawn huma (a) li l-vettura tkun ilha registrata f'isem l-individwu ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu ghal Malta, u, (b) tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura tigi impurtata jew migjuba f'Malta;

(ii) Fid-dawl tal-principji enuncjati fid-Dritt Amministrattiv Ingliz, applikabbli wkoll ghas-sistema amministrattiva lokali, ikun siewi li d-decizjoni tal-Bord titfa' dawl fuq is-sustanza tar-rifjut u mhux semplicement taghmel referenza ghal Regolament, liema Regolament f'dan il-kaz kellu zewg ragunijiet li setghu wasslu lill-Bord jasal ghad-decizjoni tieghu. Huwa awspikabbli li r-raguni specifika li fuqha dik id-decizjoni tkun ibbazata tigi indikata b'mod li ma jhalli l-ebda dubju f'mohh dak li jkun irid jappella mill-istess decizjoni;

(iii) B'danakollu t-Tribunal ma jhossx li d-decizjoni odjerna ghandha tigi revokata peress li jidher li r-rikorrenti fehem sew il-bazi tar-rifjut tal-applikazzjoni;

(iv) Ghar-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata, u cioe` li l-istess Awtorita` mhix il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza

[2] Fol 9-10

tal-gudizzju, huwa car daqs il-kristall li l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u l-Ministeru Ghall-Finanzi huma zewg entitajiet separati u distinti minn xulxin. L-entita` li skont il-Ligi hija mghonija bil-poter li takkorda l-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa tar-registrazzjoni ta' vetturi huwa l-Ministru ghall-Finanzi, liema poter gie delegat lit-*Transfer of Residence Exemption Board* permezz ta' artikolu 19 (2) (d) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta m'ghandha l-ebda poter tiddeciedi jekk vettura tikkwalifikax jew le ghall-ezenzjoni pero` l-istess Awtorita` trid timxi abbazi ta' dak deciz mill-imsemmi Bord. Ghaldaqstant, l-Awtorita` intimata ghandha ragun fl-ewwel eccezzjoni taghha u ghalhekk sejra tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

(v) Dwar il-mertu, u cioe` jekk il-Bord kienx gustifikat fir-rifjut tieghu abbazi tal-fatt li l-vettura ma kinitx registrata f'isem ir-rikorrent izda f'isem Kumpanija li r-rikorrent ghandu nofs l-ishma taghha, jigi nnutat li ai termini tac-citat Regolament 4 (3) (a) il-vettura li tkun qieghdha tintalab l-ezenzjoni mit-taxxa ghaliha trid tkun ilha registrata f'isem l-applikant ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tieghu f'Malta u tkun ghadha hekk registrata;

(vi) Mill-atti, u anke mix-xhieda tal-istess rikorrent, jirrizulta illi ma hemmx kontestazzjoni li l-vettura qatt ma kienet registrata f'isem ir-rikorrent imma kienet registrata f'isem is-socjeta` kummercjali MODALIS Management AG & Cie. KG, liema socjeta` hija, jew kienet, proprjeta` f'ismha indaqs tar-rikorrent u ta' Thomas Fox. Ir-rikorrent, madankollu, isostni li l-Bord xorta wahda kellu jqis b'mod favorevoli l-applikazzjoni tieghu peress li l-vettura principlament tintuza minnu u l-familja tieghu ghall-uzu privat taghhom;

(vii) Wara li ghamel apprezzament kemm tax-xhieda u kemm tad-dokumenti sottomessi, it-Tribunal qabel mad-decizjoni appellata. Il-legislatur ried li l-vettura migjuba Malta tkun registrata f'isem l-persuna li tkun hadet ir-residenza taghha f'Malta. Huwa ferm ovvju li l-vettura in kwistjoni qatt ma kienet registrata f'isem ir-rikorrenti – fattur dan li jirrendi lir-rikorrenti f'posizzjoni li ma jikkwalifikax biex jigi koncess l-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni. Li kieku dan it-Tribunal kellu jaghti interpretazzjoni ohra lill-provvediment tal-ligi relattiv ikun qieghed jikkontorta dak li l-legislatur kellu f'mohhu, apparti li jkun qieghed jiftah bieb ghall-abbuz;

(viii) Ghalhekk, filwaqt li t-Tribunal jissimpatizza mar-rikorrenti ghaliex jista' jifhem li kien hemm forsi xi beneficcji fil-Germanja ghala ghazel li jirregistra l-vettura f'isem il-Kumpanija, ma jistax jinterpreta d-dettami tal-ligi ghajr kif logikament iridu u ghandhom jigu interpretati. Illi ma hemmx ghalfejn hafna delungar fuq il-fatt li socjeta` ghandha personalita` guridika distinta minn dik tal-ishmatarji u/jew diretturi taghha u ghalhekk ir-rikorrent u s-socjeta` ma jistghux guridikament u legalment jitqiesu bhala persuna wahda;

(ix) Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord kien korrett meta irrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti abbazi tal-fatt li l-vettura in kwisjtoni ma kinitx ilha registrata fuq ismu ghal tal-inqas erba' u ghoxrin xahar qabel ha r-residenza tieghu hawn Malta u lanqas ma kienet hekk registrata meta giet impurtata f'Malta.

Ir-rikorrent appella minn din is-sentenza quddiem din il-Qorti u l-intimati wiegbu[3]. Waqt is-seduta tal-14 t'Ottubru 2016[4] dehru d-difensuri tal-partijiet u saret trattazzjoni.

Il-Qorti qrat l-atti.

**<u>Preliminari.</u>**

Ghalkemm l-appellant qieghed jitlob ir-revoka tas-sentenza tat-Tribunal *in toto* huwa ma ressaq ebda aggravju jew argument dwar dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal illibera lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta mill-osservanza tal-gudizzju. Il-pregudizzjali dwar dan il-punt imqajjem mill-Awtorita' huwa ghalhekk gustifikat[5].

**<u>Mertu.</u>**

**<u>L-ewwel aggravju: Nullita' tad-decizjoni tal-Bord stante nuqqas ta' motivazzjoni.</u>**

L-appellant jattakka l-konkluzjoni tat-Tribunal li ma ddikjarax id-decizjoni tal-20 ta' Gunju 2012 nulla u bla effett wara li l-istess Tribunal sab li tali decizjoni ma kinitx nieqsa minn motivazzjoni.

Dwar il-htiega tal-ghoti ta' raguni li tkun wasslet ghal decizjoni fil-konfront ta' persuna, fil-kaz **A.I.L. Limited et vs Awtorità għat-Trasport f'Malta deciza fid-29 ta' Jannar 2016**[6] gie osservat illi -

*".....kif inghad mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza fit-28 ta' Jannar 2008, "in linea ta' principju generali huwa ben saldat, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza taghna u dik estera, illi l-motivazzjoni hi ta' essenza ta' kull decizjoni, sija jekk din hi wahda gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja, sija jekk hi wahda sempliciment amministrattiva. Kull min hu msejjah biex jaghti l-gudizzju tieghu ghandu fil-minimu, anke jekk mhux b' mod approfondit, jipprovdi ir-raguni tad-decizjoni tieghu in kwantu minn din l-istess raguni ikun jista' jigi dedott l-iter logiku segwit u dak tar-raffront bejn ir-rikjest u d-decizjoni. Ara, b' ezemplari, is-sentenzi fl-ismijiet "**Anthony Ellul Sullivan nomine -vs- Lino C. Vassallo et nomine**", Prim' Awla, Qorti Civili, 2 ta' Gunju 1983 per Imhallef Maurice Caruana Curran, "**Cauchi Ltd -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000, "**Michael Gatt -vs- L-Awtorita ` ta' l-Ippjanar**", Appell, 19 ta' Novembru 2001 u "**Mary Zarb -vs- Emma Azzopardi nomine**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi, 28 ta' Marzu 2007. F' dawn is-sentenzi kollha, u bosta ohrajn ta' l-istess portata, il-Qrati ssenjalaw il-principju illi l-parti ghandu jkollu s-sodisfazzjon li jkun jaf ir-raguni l-ghala r-rikjesta tieghu tkun qed tigi michuda jew akkolta. Dan, wara kollox, mhux hlief applikazzjoni sobrija tar-regola fundamentali "audi et alteram partem", ghal liema tikkollega ruhha wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell*

[3] Risposta tal-Awtorita' a fol 13 et seq u Risposta tal-Ministru tal-Finanzi a fol 16 et seq.

[4] Fol 24.

[5] Fol 13 para 1.

[6] Rik Nru 51/15.

*kolleggjali fil-kawza* ***"Alfred Sant nomine -vs- Kummissarju tat-Taxxi Interni",*** *4 ta' Marzu 1992, citata mill-Bord. Dan premess, ma jidhirx li jista' jigi negat illi l-Kummissarju appellat ghandu, skond il-ligi, poteri ta' "quasi judicial discretion". Fl-istadju tal-konsiderazzjoni ta' l-Avviz ta' oggezzjoni mit-taxpayer hu jagixxi qisu qorti u dan jobbligah li f'kaz ta' rifjut ta' l-oggezzjoni sottomessa lilu huwa ghandu jaghti r-raguni li tkun wasslitu ghal dik id-decizjoni tieghu. Huwa ghandu, fi kliem iehor, jforni dik ir-raguni li tqieghed in riljev dak li hu necessarjament sufficjenti biex jikkjarixxi u jissorreggi r-ratio tad-decizjoni tar-rifjut tieghu. Is-sens komuni u r-regola ta' gustizzja naturali fuq accennata certament jesigu illi t-taxpayer ghandu jitqieghed in grad li adegwatament jikkontesta dak l-istess rifjut fit-tfassil tal-gravami tieghu fl-appell lil Bord u, l-aktar, ghall-fini li fil-fazi processwali quddiem dan l-istess Bord, ikun f' qaghda li jiddizempenja ruhu kif jixraq mill-piz gravanti fuqu billi juri li l-likwidazzjoni tat-taxxa mill-Kummissarju ghandha titwarrab ghax hi eccessiva jew ghal xi motiv legali iehor. Jekk hu dejjem desiderabbli li l-istharrig, anke wiehed kwazi-gudizzjarji, ikun supplit bir-rekwizit formali tal-motivazzjoni, li trid ukoll tkun wahda intrinsikament idoneja u mhux merament apparenti, huwa ferm importanti li jigi sottolinejat illi, wisq ragonevoli, ghall-iskop li jkun adempit l-obbligu tal-motivazzjoni, min ghandu jiggudika mhux tenut jikkonfuta l-argumenti kollha prospettati mill-parti imma hu sufficjenti li hu jaghti hjiel ta' dawk l-elementi li fuqhom ikun sawwar il-konvinciment tieghu. Dan tghidu wkoll is-sentenza fl- ismijiet "****Paul Pace -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud****", Appell, 6 ta' Ottubru 2000. Id-dottrina procedurali tinsenja illi, implicitament, ic- 7 cirkustanzi u r-riljievi l-ohra li setghu gew sollevati, ankorke ma jigux specifikament imsemmija, ghandhom logikament jitqiesu inkompatibbli mad-decizjoni adottata."*

Fil-kaz odjern, id-decizjoni lamentata tat-*Transfer of Residence Exemption Board* tal-20 ta' Gunju 2012 tghid hekk:

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (LN 6 of 2012).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 6 of 2012 under rule 4(3)(a)*[7]*".*

Il-Qorti ma tara xejn censurabbli fil-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal dwar dan il-punt. Huwa minnu li d-decizjoni tal-20 ta' Gunju 2012 setat tispjega r-raġuni aħjar għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni, fis-sens li tispjega r-raġuni f'termini semplici li facilment jinftiehem. Madankollu b'daqshekk ma jfissirx li hi nulla in kwantu fiha r-raguni għar-rifjut.

Huwa evidenti wkoll li l-appellant kien f'qaghda li jifhem adegwatament il-bazi tar-rifjut tal-applikazzjoni tant li kkontesta l-istess decizjoni u fit-tfassil tal-aggravji tieghu quddiem it-Tribunal pogga l-enfasi fuq kemm fil-fehma tieghu huwa kien jissodisfa l-kriterji kollha rikjesti fl-artikolu 19 tal-Kap 368 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-4(3) tal-L.S. 368.01*.* Il-provi mressqa mill-appellant kienu wkoll kollha diretti biex isostnu din it-tezi tieghu.

L-appellant ghalhekk ma sofra ebda pregudizzju.

L-aggravju huwa michud.

**<u>It-tieni aggravju: It-talbiet tal-appellant fil-mertu kellhom jintlaqghu</u>.**

L-appellant jilmenta li t-Tribunal kien skorrett meta cahad it-talba tieghu ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuq il-vettura Mercedes Benz bin-numru ta' registrazzjoni B-MM-6501 ghax fil-fehma tieghu hu kien jissodisfa r-rekwiziti kollha stabbiliti mill-ligi ghal dan il-

[7] Fol 44

ghan. L-appellant jghid li, kif irrizulta mill-provi, huwa kellu d-dritt ta' proprjeta' u pussess effettiv fuq din il-vettura, u li x-xiri taghha kien marbut ma' uzu personali u mhux ta' xoghol. Di piu' il-jedd ta' trasferiment tad-drittijiet ta' proprjeta' fuq il-vettura jappartjenu biss lill-appellant. B'referenza ghas-sub-paragrafu (a) tar-regolament 4 (3) tal-L.S.368.01, l-appellant jargumenta li dan imkien ma jispecifika ma' min il-vettura trid tkun registrata.

Dan l-aggravju huwa nfondat. Ir-regolament 4(3)(a) jipprovdi li:

*"Biex vettura tkun tista' tikkwalifika ghal ezenzjoni taht is-subregola (1) – (a) hija* ***trid tkun ilha registrata f'isem l-individwu li jkun qieghed jittrasferixxi r-residenza normali tieghu*** *ghal perjodu ta' mhux inqas minn erbgha u ghoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu ghal Malta u tkun ghadha hekk registrata meta l-vettura tigi mpurtata jew migjuba f'Malta".*

Il-provi jikkonfermaw li l-appellant ma kienx jikkwalifika ghall-ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni in kwistjoni, gialadarba kien hu li ttrasferixxa r-residenza tieghu f'Malta u l-vettura in kwistjoni ma kinitx registrata f'ismu. Mill-atti jirrizulta li:

i. L-appellant, imwieled il-Germanja ghex f'dak il-pajjiz sas-sena 2011[8];
ii. Fil-Germanja, l-appellant, flimkien ma' certu Thomas Fox waqqfu kumpanija bl-isem MODALIS Management AG & Cie. KG. Kull wiehed minnhom kellu 50% tal-ishma fiha[9];
iii. Fit-12 ta' Frar 2008 din il-Kumpanija xtrat il-vettura Mercedez Benz illum mertu tal-proceduri odjerni[10]. Huwa ammess mill-appellant li din il-vettura qatt ma kienet registrata f'ismu personali:

   *"Dr. Ivan Gatt: The car you had in Germany in whose name was it registered?*

   *Xhud: It was registered in the Company's name.*

   *Dr Ivan Gatt: In the company's name and not in your name."*

   *Xhud: Not in my name."*

iv. Fis-6 ta' Lulju 2011 l-appellant ittrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta[11];
v. Daniel Ziska, Konsulent dwar it-Taxxa fil-Germanja ikkonferma li l-vettura kienet registrata f'isem il-kumpanija MODALIS Management AG & Cie. KG u, *"was used privately by Mr Josef Schultheis and his family as well as for business purposes the*

---

[8] Seduta tal-10 ta' Marzu 2014 (fol. 41A) u dokumenti esibiti a fol 45 sa 49 – Dok JS2.

[9] Fol 50-51 Dok JS3.

[10] Fol 52.

[11] Fol 42.

*whole time*[12]".

vi. Dan ix-xhud spjega wkoll li taht ir-regim legali tal-Germanja, proprjetarju ta' vettura ghal skopijiet privati u professjonali jkollu jhallas taxxa fuq id-dhul addizzjonali sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju li qieghed juza vettura ghal ghan privat ukoll. Ix-xhud izid li: *"A partner of a limited partnership, as Mr Josef Schultheis in respect of MODALIS Management AG & Cie. KG was taxed in exactly the same manner as a sole proprietor, as tax wise a limited partnership is seen as transparent entity and so the partners are taxed personally*[13]*."*

vii. Fit-3 ta' Gunju 2012 il-vettura ddahhlet f'Malta[14];

viii. Mart ir-rikorrent, Andrea Schultheis qalet li f'Malta, huma jaghmlu wkoll uzu privat mill-vettura izda kkonfermat li din kienet u ghadha registrata f'isem il-kumpanija Germaniza[15];

ix. Is-sieheb tal-appellant fin-negozju, Thomas Fox, qal li l-Kumpanija MODALIS Management AG & Cie. KG kellha zewg vetturi registrati f'isimha - dik uzata minnu u l-ohra wzata mill-appellant. L-uzu kien kemm ghal skopijiet privati kif ukoll ta' xoghol. Ir-registrazzjoni tal-vetturi saret b'dan il-mod sabiex huma jibbenefikaw mill-iskema tal-assikurazzjoni li kienet aktar vantagguza meta aktar minn vettura wahda titqieghed taht l-istess polza tal-assikurazzjoni.

A bazi ta' dak li nghad hawn fuq il-qorti ma tistax hlief taqbel mal-konkluzjoni tat-Tribunal. Il-legislatur kien car. L-ezenzjoni tapplika ghall-individwu li jkollu vettura registrata f'Malta u jittrasferixxi r-residenza tieghu f'Malta. Il-vettura Mercedez Benz bin-numru ta' registrazzjoni B-MM-6501 kienet u baqghet registrata f'isem il-kumpanija MODALIS Management AG & Cie. KG. Dan awtomatikament jeskludi l-eligibilita' tal-appellant ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni fuqha. Huma x'inhuma r-ragunijiet li ghalihom il-vettura giet registrata f'isem il-kumpanija, jibqa' l-fatt li l-vettura m'hijiex registrata f'isem l-appellant.

**Konkluzjoni** - Il-kriterji tal-artikolu 19 tal-Kap 368 u tar-regolament 4 (3) (a) tal-L.S. 368.01 ma gewx sodisfatti. Id-decizjoni tal-Bord tal-20 ta' Gunju 2012 hija ghaldaqstant gusta u timmerita konferma. L-aggravju huwa michud.

**It-tielet aggravju: Il-kap tal-ispejjez.**

L-appellant jargumenta li ladarba t-Tribunal tah ragun rigward il-fatt li d-decizjoni tal-20 ta'

---

[12] Affidavit a fol 58 et seq.

[13] Fol 59. Pero' dak li tipprovdi l-ligi Germaniza ghal skopijiet ta' taxxa mhuwiex rilevanti ghal dak li tipprovdi l-ligi Maltija fir-rigward ta' ezenzjoni minn hlas ta' taxxa ta' registrazzjoni.

[14] Applikazzjoni a fol 42.

[15] Fol 64.

Gunju 2012 kienet nieqsa mill-grad ta' motivazzjoni rikjest mill-ligi[16], dan kellu jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

Il-Qorti ma taqbilx. It-Tribunal sab biss li d-decizjoni tal-Bord setat kienet aktar spjegattiva izda dan ma wassalx biex l-istess decizjoni tigi meqjusa nieqsa mill-motivazzjoni rikjesta skont il-ligi. Bhala fatt, it-talbiet tar-rikorrent appellant gew michuda *in toto*, u l-kap tal-ispejjez jirrifletti poprju dan.

L-aggravju huwa wkoll michud.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.

[16] Fol 9 – rikors tal-appell.